**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 231/2020 AGV ;</u>**

**AB u CB**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet AB u CB datat 28 ta' Lulju 2020, fejn esponew bir-rispett;**

1. Illi huma zzewwgu fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta, fis- 26 ta' Frar 2005, skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ippubblikat fis- 26

ta’ Lulju 2016, redatt min-Nutar Dr. Peter Fleri Soler, skont kopja legali hawn annessa , u mmarkata dok. B;

3. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, DB, li twieled fis- 17 ta’ Mejju 2017;
4. Illi l-possibilta’ ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhix possibbli, u dan anka minhabba l-fatt li ilhom jghixu hajja seperata ghal zmien twil;
5. Illi l-partijiet rrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin skont l-artikolu tnejn tal-kuntratt tas-separazzjoni surreferit;
6. Illi l-manteniment li r-rikorrenti CB kien obbliga ruhu li jhallas lil rikorrenti AB, fir-rigward ta’ binhom DB, skont il-klawzola 6 VI tal-kuntratt tas-seperazzjoni, u hawn anness bhala Dok. B qed jithallas regolarment;
7. Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghal hall taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti AB u CB jitolbu bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti;**

Tiddikjara liz-zwieg taghhom hu mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja id-divorzju tal-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju , biex b’ hekk l-istess divorzju ikun jista’ jigi registrat fir-registru Pubbliku, permezz tal-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg, hawn anness Dok. A.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-rikors.

Rat li, ghalhekk, il-partijiet issoddisfaw ir-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**